Tribunal Industrijali

Decizzjoni Numru 1673

Kaz Numru 2208 MF

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

Bejn

Angele Caruana

U

Royal Malta Yacht Club

Dwar tkeccija mill-impjieg
Allegata li hija ngusta

Illum 13 ta' Frar 2006

Chairman: Dr. Martin Fenech LL.D. Dip. Adv. Eur. Stud. (Bruges)

Dan il-kaz gie riferit lit-Tribunal Industrijali wara li gieipprezentat rikors dwar tkeccija ingusta mill-impjieg ta' Angele Caruana mibghuta lit-Tribunal Industrijali fil-19 ta' Gunju 2004 mill-Avukat Dr. Andrew Borg Cardona li bghatat ir-rikors ghan-nom ta' Angele Caruana fejn talabet li dan il-kaz jinstema' quddiem it-Tribunal Industrijali.

Angele Caruana maghrufa bhala l-appellanta kienet assistita mill-Avukat Dr. Andrew Borg Cardona u ghall-Royal Malta Yacht Club deher George Bonello Dupiis li kien assistit l-ewwel minn Richard Matrenza u wara mill-Avukat Dr. Mark Attard Montaldo.

**Dikjarazzjonijiet tal-Kaz**

Fl-istqarrija tal-kaz l-appellanta ddikjarat li kienet tahdem mal-Royal Malta Yacht Club minn-Novembru 1997 sa April 2004 u l-impjieg taghha gie terminat fil-21 ta' April 2004.

Illi Angele Caruana allegat illi sabulha e-mail indirizzata lit-Tezorier u ha ghalieh. Hi qalet li din kellha tkun cajta u ma kellhiex titkecca fuq hekk.

Ghalhekk minhabba r-ragunijiet imsemmija fid-dikjarazzjoni it-tkeccija hija ingusta u ma saritx ghal ragunijiet skond kif titlob il-Ligi.

Ir-Royal Malta Yacht Club fl-istqarrija taghha qalet li t-terminazzjoni tal-impjieg ta' Angele Caruana saret minhabba l-fatt li fil-qadi ta' dmirijietha l-appellanti ma urietx prudenza sew fil-korrettezza ta' l-imgieba taghha kif ukoll ghan-nuqqas ta' ghaqal u galbu fl-uzu tal-kitba taghha.

**PROVI**

Quddiem it-Tribunal Industrijali gew imressqa diversi provi. Xehed George Bonello Dupuis fejn qal li huwa l-Commodore tal-Club u hu kien responsabbli mid-day to day running tal-club. Angele Caruana kienet ilha xi seba' snin impjegata u xoghol akien fl-administration. Il-performance taghha ma kienx tajjeb. Jerga jispjeg illi meta qas qisni tajta warning ried ifisser illi verament tah warning u wara l-warning l-atttudini taghha ma inbidelx. Semma ukoll illi l-awdituri kienu irrapurtaw diversi nuqqassijiet specjlment da parte tal-amministrazzjoni.

Xehedet Angele Caruana li qalet li rat xi avviz mas-Secretarial Services u marret ghall-interview u intaghzlet.

Xehedet Joselyn Delia fejn qalet li kient Honorary Secretary tal-Club fejn qalet li damet erba snin tahdem ma Angele Caruana u qalet li hadmu tajjeb fliemkien kif ukoll li ghamlet xogholha kienet onesta hafna u li ma kellhiex imlenti fuqha.

Xehed Anton Valentino fejn qali li huwa l-Vice-Commodore u ANgele Caruana kient tahdem bhala Segretarja part-time. Xehed li instabet e-mail fuq il-computer li ntbghatet minn Angele Caruana lll-xi membru tal-kumitat. Hu xehed illi l-ewwel Angele Caruana nnegat li baghatitha u wara accettat li baghtitha. Hu tilef il-fiducja f'Angele Caruana. Ukoll

apparti dan l-incident ma kellux ghalfejn jiddubita l-integrita ta' Angele Caruana.

Xehedet ukoll Marlene Cefai u xogholha kien li taghmel dak kollu li kien hemm bzonn. Kienet ilha hemm erbgha u ghoxrin sena u telqet ghax l-affarijiet became too hot.

Xehed Toni Terreni fejn qal li kellu diversi karigi mal-Club. Qal ukoll illi meta itiehdet id-decizzjoni m akienx prezenti ghax kienimsiefer.. Sab lill-Angele Caruana bhala bniedma onesta hafna u li tahdem hafna u sa fejn jaf kient taghmel xogholha tajjeb u li kienet asset ghall-club.

Rega' xehed George Bonello Dupuis fejn qal li r-raguni tat-tkeccija kient li ma kinetx onesta f'dawk il-jiem meta tkecciet. Il-kontenut tal-e-mail li ntbghatet poggiet dubbju fuq l-integrita ta' Edgar Warrington.

Xehed Michael Warrington fejn qal li ilu fil-kumitat ghall-dawn l-ahhar sitt snin. Qal illi kien hemm membru tal-kumitat li ried jikkontrolla kollox hu meta kien hemm xi attivita . Meta ra l-e-mail tkellem mal-commodore u ttiehdet id-decizzjoni li titkecca ghax mhiex accettabli li impjegata taghmel affarijiet bhal dawn.

Xehed Peter Dimech fejn qal li kien hemm rimarka fl-e-mail li hass li makinetx f'lokha rigwardanti stima ta' spejjez tal-club fuq disk jockey li gie ingaggat sabiex jaghti is-servizz tieghu f'xi party tal-club fejn saret id-domanda jekk id-DJ kellu jithallas Lm75 jew Lm100 li ghalhekk ifisser illi kien ser idhhal Lm25 fil-but. Dan ghamlitu ghax riedet tinbiex wiehed ma l-iehor.

Reghhet xehedet Angele Caruana fejn spjeagat illi kienet taht l-impressjoni illi l-e-mail ma kinetx intbaghtet. Qalet illi f'ebda hin ma riedet tinsinwa illi xi hadd ha xi flus fil-but ghax id-DJ jekk idum aktar jiehu dik il-Lm25 ohra. Qalat ukoll illi m atawhiex opportunita sabiex tispjga ruhha. Spjegat ukoll illi tul iz-zmien li kient ilh atahdem darba qalghat warning. Angela Caruana qalet ukoll li ma kelliex problemi ta' flus tul l-impjieg taghha.

L-Avukati tal-partijiet ittrattaw il-kaz verbalment.

## KUNSIDERAZZJONIJIET

It-Tribunal ikkonsidera diversi aspetti ta' dan il-kaz u jibda' biex jghid li jidher car illi l-kwistjoni inqalghet fuq e-mail li intbghatet mill-istess Angele Caruana li wara li nnegat li bghatitha il-kumitat tilef il-fiducja u ghalhekk ttermina l-impjieg taghha.

Xoghol il-gudikat huwa li jwiezen il-fatti, jara x-xhieda kif xehdu fuq il-pedana tax-xhieda u jipprova jasal ghall-konkluzzjoni min qieghed jqarreb il-verita jew minn qieghed jghid il-verita.

F'dan il-kas it-Tribunal qieghed jemmen il-partijiet ghax ftit jew wisq qedghin jaqblu fuq il-fatti. Pero it-Tribunal irid jaghmel evalwazzjoni fuq l-interpretazzjoni tal-fatti. Mill-provi prodotti jidher bic-car illi din Angele Caruana vera baghtet din l-e-mail. X'kien l-iskop wara din l-e-mail? Kienet awtorizzata tibghat dan it-tip ta' e-mail lill-membru tal-kumitat?

It-Tribunal qieghed jaghmilha cara illi t-tkeccija hija l-ahhar arma f'idejn il-principal u ma tistax tintuza bhala l-ewwel mizura. Il-principal irid iwiezen it-toroq kollha qabel ma jkecci lill-xi haddiem. F'dan il-kas it-Tribunal ihoss illi t-tkeccija kienet mizura drakonjana u ir-Royal Malta Yacht Club messu ha passi ohrajn u mhux ta' tkeccija fil-konfront ta' Angele Caruana.

Dan qieghed jinghad minhabba d-diversi fatturi li gew pprezentati quddiem l-istess Tribunal fosthom id-diversi xhieda li gew imressqa mill-istess Royal Malta Yacht Club li f'xi hin jew iehor kienu fil-kumitat u kellhom kliem ta' tifhir ghall-istess Angele Caruana kif ukoll minhabba l-fatt li Angele Caruana kienet ilha diversi snin impjegata mal-istess Royal Malta Yacht Club.

It-Tribunal huwa tal-opinjoni illi dan l-e-mail kien definittavement zball da parte ta' Angele Caruana li ghalkemm it-Tribunal jifhem illi jista jkun xi konfidenzi zejda minhabba il-hinijet twal li persuni jghaddu ma xulxien dan ma jistax jigi accettat u ghalhekk mhuwiex accettabbli. Di piu Angele Caruana hija impjegata u trid iggib ir-rispett necessarju lill-principal. B'hekk il-fiducja tibqa. Pero it-Tribunal ihoss illi t-tkeccija kienet mizura harxa fic-cirkostanzi.

**Decizzjoni**

It-Tribunal Industrjali wara li kkunsidera l-istatements u s-sottomissjonijiet tal-parijiet ikkoncernati ra u ezamina d-dokumenti ezebiti, sema' u evalwa x-xhieda prodotti, u l-fatti u c-cirkostanzi kollha tal-kaz jiddikjara li l-Royal Malta Yacht Club ma kinetx gustifikata li tkecci lill-Angele Caruana mix-xoghol taghha.

Ghaldaqstant it-Tribinal Industrijali jiddeciedi billi jilqa dan l-appell u jordna lil-Royal Malta Yacht Club tigi kkundannta li thallas l-ammont ta' erba mitt Lira Maltin (LM400) bl-ispejjes ghandhom jigi sopportati ugwalment bejn il-partijiet.

Ghall-finijiet ta' L-Avviz Legali 48 tal-1986 jistabilixxi d-drittijiet ta' min assista l-partijiet fl-ammont ta' erbghin Lira Maltin (LM40).

B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

Avv Martin Fenech
Chairman

Vera kopja

Vincent Micallef
Segretarju